MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2010

Numru. 162/2009

**Illum 18 ta' Frar 2010**

**Il-Pulizija**
**Spettur Maurice Curmi**

**vs**

**Keith Attard**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputat Keith Attard ta' 28 sena, bin Carmel u Elizabeth nee' Farrugia, imwieled Pieta' fl-1 ta' Dicembru 1979 u residenti 41 Flat 1, Triq San Frangisk, Floriana u detentur tal-karta tal-identita' numru 561179(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

F’Jannar 2006, u fix-xhur precedenti f’ dawn il-Gzejjer, b’ mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi nqeda b’ qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar grajja kimerika, ghamel qligh ta’ aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), ghad-dannu tal-bank HSBC Malta p.l.c, ai terminu ta’ l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument falz, ai termini ta’ l-artikolu 184 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Fl-istess zmien, lok u cirkostanzi, ikkorrompa lil Tonio Grima fil-kapacita tieghu bhala *Loans Councillor* mal-bank HSBC, u dan billi ta xi rigal jew weghda, jew offerta ta’ xi rigal fi flus jew utli iehor, jew xi vantagg iehor, li ghalihom Tonio Grima ma kellux jedd u dan sabiex jonqos milli jaghmel dak li kien fi dmir tieghu li jaghmel, ai termini ta’ l-artikoli 115(b), 121(1), tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti kienet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’ jaqsmu mal-hatra tal-esperti, ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 24 ta’ Marzu 2006 (esebita a fol. 127 tal-process) fejn huwa deherlu li tista’ tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 308, 309, 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(b) Fl-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta ;
(c) Fl-artikoli 115 (b), 121(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

(d) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 ta' Frar 2010, l-imputat iddikjara li huwa m' ghandhux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tat-18 ta' Frar, 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u huwa nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata tal-imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat li l-imputat ghandu l-fedina penali relattivament netta.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-Ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-nota tieghu tad-9 ta' Dicembru 2009, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien tliet(3) snin millum u bil-kundizzjoni li huwa jkompli jhallas il-bilanc dovut minnu lill-HSBC Bank Malta plc b'mod regolari u kif parturit mill-istess bank.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------